# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 03/K10/24**

Data tal-laqgħa: 6 ta' Awwissu 2024

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci - Viċi Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
David Caruana – Kunsillier
Gabriel Borg Ferrando - Kunsillier
Victor Vella – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier
Rita Dimech Portelli - Kunsilliera (b'mod virtwali)

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (0)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Assistant Prinċipal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**03.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

03.1.01 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**03.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

03.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 02/K10/24.

03.2.02 Iċ-Ċermen staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni però ma kienx hemm.

03.2.03 Il-Kunsillier Carlo Mifsud ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

03.2.04 Il-Kunsillier Victor Vella ssekondah fl-approvazzjoni.

03.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**03.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

03.3.01 Il-karozza tal-anzjani fejn informa lill-Kunsilliera li din inxtrat u qiegħda tal-Kunsill. Iċ-Ċermen talab li sa' laqgħa oħra l-kunsilliera għandhom iġibu sponsors sabiex ikunu jistgħu jitħallsu x-xufiera ta din il-karozza.

03.3.02 Ġie deċiż li tintbagħat ittra lis-Sanita u kopja ta din l-ittra lill Pulizija tal-komunità sabiex jiġu nfurmati bil-każ tal-familja ta Triq Albert Mayr.

03.3.03 Il-Kunsilliera ġew nfurmati li l-ittra dwar l-iskart ntbagħtet kemm lill-*Condominium Managers* kif ukoll lill *Malta Development Association.*

03.3.04 Fuq il-każ tal Bajja tal-Balluta, l-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħolijiet għadhom għaddejjin u għadhom qed jippruvaw ssibu tarf tal-problema min fejn qed jiġi d-drenaġġ fil-bajja. Il-Kunsill għandu jintbagħat ittra lis-Sanita biex jikkonferma li n-nies għadhom jowgħmu hemmhekk għalhekk għandhom jieħdu l-azzjoni neċessarja nkluż jsiru aktar tabelli.

03.3.05 Ġie deċiż li għandu jintbagħat reminder fuq it-talba li saret lill-Malta Public Transport peress li għadu ma rcivejna l-ebda risposta fir-rigward it-talba għal-laqgħa. L-Ministeru għandhom jiġu ikkupjati f'din l-email.

03.3.06 Fuq l-ittri dwar Triq Sant 'Anglu, ċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li l-laqgħa mar-residenti ser issir aktar l-quddiem peress li ftit mir-residenti huma msefrin.

03.3.07 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-ittra tas-Sur Lino Spiteri qiegħda għand l-avukat.

0.3.08 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fir-rigward Wied Għomor għaddejjin xi studju min-naħa tar-Regjun sabiex jiġi ċċekkjat liema partijiet huma privati u liema huma pubbliċi sabiex b'hekk ikun jista' jiġi rranġat. Ġie suggerit li l-Kunsill għandu jagħddi s-suġġeriment sabiex tintefa xi ħamrija fuq it-terrapien sabiex jikbru iktar is-siġar u isbaħ.

03.3.09 Ntbagħtet ittra lil *Public Works* dwar ix-xogħolijiet f'San Ġiljan madanakollu ma rcivejna l-ebda risposta dwar din għalhekk għandha tintbagħat *reminder*.

03.3.10 Triq il-Baħar l-Iswed ġew mqassma l-ittri dwar l-iskart. Il-Kunsillier Mario Amaira ġibed l-attenzjoni li fil-biċċa li tagħlaq qed jipparkjaw fuq id-double yellow lines u qed jagħlqu lill xulxin. Għalhekk ġie deċiż li għandhom jiġu ċċekkjati id-double yellow lines sabiex naraw jekk hux aħjar jsir parkeġġi minflokhom. F'każ li jibqgħu l-linji s-sofor dawn għandhom jerġgħu jiġu mizbghua.

03.3.11 Il-permessi ta Xatt is Sajjieda ser jibdew jinħargu minn ġimgħa għall-ġimgha.

03.3.12 Wara laqgħa li s-Sindku kellhu mal-kuntrattur tal-knis, hu talab lill-Kunsilliera jieħdu ritratti tat-toroq fejn qed jsiru l-ilmenti dwar il-knis sabiex dawn ir-ritratti jkunu ta provi għal-ilmenti li jkunu saru. Fir-rigward ta' Paceville, s-Sindku issuġġerixxa li għandha nitolbu lill-Cleansing Department biex naraw jekk Paceville hux qed jinkines regolari min-naħa tagħhom u b'hekk il-kuntrattur tagħna ma jkunx hemm bżonn li jagħmel xogħol ripetut u hekk il-kennies li kien jintużaw ġo Paceville jista' jintużaw ġo toroq oħra.

03.3.13 Fil-laqgħa ta Towns Commitee, l-Kunsillier Carlo Mifsud ta' rendikont tal-laqgħa tal-Kumitat ta' Paceville u għandu jibgħat kopja tar-rapport ta' din il-laqgħa.

03.3.14 Iċ-Ċermen ta' informazzjoni dwar il-laqgħa tar Regjun.

03.3.15 Ntbagħtet ittra lis-Supretendent tal Pulizija sabiex jingħalaq it-toroq waqt il-ħinijiet tal-iskola u ġie deċiż li l-Kunsilliera għandhom ikunu nfurmati bid-data u ħin ta' din il-laqgħa.

03.3.16 Fir-rigward Ġnien Saver Zarb, il-Kunsilliera ġew nfurmati li nġibdet l-attenzjoni lill-kuntrattur u li sa' Settembru għandhom ikunu lesti x-xogholijiet.

03.3.17 L-email fir-rigward il-Kunsill tat-tfal ġiet mgħoddija lil lill-Kunsilliera Patricia Camilleri biex tieħu ħsieba

03.3.18 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li t-taraġ ta Triq il-Balltiku ġie rrapportat lil Public Works sabiex jsir ir-railing.

03.3.19 Il-Kunsillier David Caruana għandu jagħddi kwotazzjoni dwar il-qbid tal-bagħal taż-żunżann lill-Uffiċċju tal-Kunsill.

03.3.20 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsillera fejn ser jitpoġġew it-toilets waqt il-festa ta San Ġiljan.

03.3.21 Iċ-Ċermen issuġġerixxa li għandha tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Fondazzjoni tat-Turiżmu sabiex l-Kunsill jirringrazzjhom tax-xogħol li qed jagħmlu f'San Ġiljan fosthom il-bins li tawħlu f'Xatt is-Sajjieda. Il-Kunsill qabel unanimament.

03.3.22 Il-Kunsilliera ġew infurmati li l-Kunsill Lokali San Ġwann qed jieħu l-azzjoni neċessarja sabiex jiġi nstallat id-dawl fil-biċċa tat-triq li tinsab bejn San Ġwann u Swieqi.

03.3.23 Iċ-Ċermen ressaq korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali flimkien ma' Direttiva mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fir-rigward l-attendenza tal-Kunsilliera għal-laqgħa tal-Kunsill. Wara li din id-direttiva ġiet spjegata lill Membri, dawn ġew nfurmati li dawn id-dokumenti ser jintbagħatu b'email lill-Kunsilliera.

03.3.24 Fir-rigward it-talba għal tlett attivitajiet mill-Għaqda Piroteknika San Ġiljan għal żmien il-Festa ta' San Ġiljan, il-Kunsill qabel li tinħareġ No Objection.

03.3.25 Tressqet għal-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza li saret mal-Infrastructure Malta fir-rigward Triq il-Mensija u Triq Josef Calleja.

03.3.26 Fir-rigward it-talba mingħand is-Soċjetà Mużikali Spinola, ġie deċiż li din it-talba għandha tkun parti mill-ammont ta' flus li jingħata kull sena.

03.3.27 Tressqet għal-attenzjoni tal-Kunsill email sabiex jingħata gift packs u kits mil-iskema tal-konservazzjoni tal-ilma. Ġie deċiż li meta l-Kunsill jirċievi dawn l-affarijiet, dawn għandhom jitqassmu lir-residenti fuq *first come first served.*

03.3.28 Iċ-Ċermen ressaq stediena li l-Kunsill rċieva għal safar, għal-Kunszentmiklos, fejn iċ-Ċermen nformahom li ser ikun qed jagħmel kuntatt mall-Kunsilliera li ser ikunu qed jintażlu. Iċ-Ċermen ressaq invit sabiex hu jmur Piazza Armerina u ġie maqbul li għandu jattendi.

03.3.29 Iċ-Ċermen ressaq il-proposta tal-Kunsillier David Caruana sabiex jinbidel id-direzzjoni tat-traffiku f'parti minn Triq il-Fraxxnu u Triq Diodorus Siculus. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel ma din il-proposta u ser tintbagħat lit-Transport Malta.

03.3.30 Dwar it-talba sabiex tiġi rranġata l-Bus Shelter li tinsab fil Pjazza Qalb ta' Ġesù ftit l-isfel mill-Għassa ta' San Giljan ġie deċiż li l-Kunsill għandu jiċċekkja mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jekk kienx sar xi ftiehem jekk filkas din il-proposta għandha tintbagħat lill-Kumpanija privata li tieħu ħsieb il-Bus Shelters.

03.3.31 Ġiet preżentata lill-Kunsill talba sabiex jibdew jiġu organizzati l-gruppi ta 'Aqra Mieghi' fil-lokalita. Wara diskussjoni ġie deċiż li jiġi propost il-Boardroom tal-Kunsill.

03.3.32 Iċ-Ċermen ppreżenta rapport mingħand il-Fondazzjoni tat-Turiżmu  dwar il-postijiet fejn ser jiġu nstallat diversi bins fil-lokalita.

03.3.33 Iċ-Ċermen spjega li wara li tkellem mas-Segretarju tal-Fondazzjoni tat-Turiżmu, ikkonferma li l-hajt ta' madwar il-Palazz Spinola ma jistax jiġi mnehhi.

03.3.34 Tressqet korrispondenza mill-Kunsillier David Caruana fir-rigward il-vetturi tal-kiri li qed jipparkjaw fil-parkeġġi tar-*residential parking.* Ġie deċiż li dokumenti preżentati jiġu mgħoddija lis-Supretendent tal-Pulizija, Dr. Melvyn Camilleri.

03.3.35 Fir-rigward it-talba għal No Objection għal programm tal-Festa mingħand is-Soċjetà Mużikali Spinola ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

03.3.36 Dwar l-invit li l-Kunsill rċieva sabiex delegazzjoni titla ġewwa Paredes, ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni u ċ-Ċermen ser jagħmel kuntatt mal-kunsilliera li ser jitilgħu.

03.3.37 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li kien hemm bdil fil-liġi u kull min jitma l-qtates fil-lokalita għandu jiġi jirreġistra mal-Kunsill sabiex b'hekk ma jingħatawx ċitazzjoni.

## 03.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

03.4.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli staqsiet fir-rigward ix-xogħolijet fil-mina li minn Triq Santu Wistin tagħti ghas-Swieqi u ġiet infurmata li dawn saru min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern.

03.4.02 Il-Kunsillier Carlo Mifsud informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar rigward siġġijiet u mwejjed biex jinħarġu quddiem in-Neptunes waslet biex tiġi approvata. Il-Kunsill għandu jara x'jista' jsir fuq dan il-każ. Il-Kunsillier Mifsud, staqsa ukoll dwar il-permessi tal-kiosk tal-festa u ċ-Ċermen ta' spjegazzjoni fuq din il-materja.

Il-Kunsillier Carlo Mifsud issuġġerixxa li għandhom jsiru rotot mal-Pulizija tal-Komunità fl-iktar postijiet li jsiru ilmenti bħal ma huma qed issiru f'lokalitajiet oħra. Filwaqt li issuġġerixxa ukoll li bħala Kunsill għandha tibda tintbagħat kundizzjoni lill-Awtorità' tal-Ippjanar li kull binja li għandha bozza mwaħla mal-faċċata għandha terġa titwaħħal bozza oħra wara li titlesta l-binja.

Il-Kunsillier Carlo Mifsud ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kunvent tal-Balluta dalwaqt ser jitbattal għalhekk l-Kunsilliera għandhom jibgħatu l-proposti tagħhom għal dan il-Kunvent sabiex dawn jintbagħatu lill min hu ikkonċernat.

03.4.03 Il-Kunsillier Mario Amaira staqsa jekk l-Kunsill għandux fondi għal-latrini u c-Ċermen informa lill-Kunsill li l-Awtorità tat-Turiżmu flimkien mal-FTZD qed jippjana li jiġu rranġati ż-żewġ lattrini f'San Ġiljan.

Is-Sur Amaira staqsa għalfejn il-monument tal-Pritz għadu bla dawl u ġie nfurmat li l-Kunsill qiegħed fil-proċess li ssir applikazzjoni għal DNO.

03.4.04 Il-Kunsillier David Caruana ġibed l-attenzjoni li fi Triq Lapsi quddiem il-propjetà bin-numru 59 hemm arblu tal-injam li għandu jitneħħa. Il-Kunsill għandu jara fuq dan is-suġġett. Hu talab ukoll li jiġu rranġati s-siġġijiet bir-riklami li hemm faċċata l-Knisja tal-Balluta.

Nġibdet l-attenzjoni ukoll li fi Triq Wiliam Hardman hemm problema kbira ta drenaġġ ħiereġ fit-triq u ilha għaddejja sitt snien.

Il-Kunsill qabel li għandha tinkiteb ittra lill-Pulizija tal-Komunità sabiex il-Facebook group tagħhom jsir Page u l-Kunsill ikun jista' jixxerja l-informazzjoni dwarhom u l-Komunità Ġiljaniza tkun taf aktar dwar dawn il-Pulizija.

Nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-ATM ta' Ta' Giorni mhux qed taħdem sew u għalhekk għandha tintbagħat ittra lill-bank kif ukoll għandha ssir aktar sorveljanza mill-Pulizija f'Paceville.

03.4.05 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssuġġerita li għandha tiġi nstallata magna tal-BCRS f'San Ġiljan għalhekk ġie deċiż li għandha ssir laqgħa magħhom.

03.4.06 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando staqsa jekk jistax jsir *beach cleaning* u *open fire* fil-lokalita' mill-grupp tal-iscouts ta' San Ġiljan. Iċ-Ċermen ssuġġerilu area taħt il-bridge li tidħol għaliha minn ħdejn ir-razzett li nbena riċenti. Huwa staqsa ukoll li bħala Kunsill hux ser ssir oġġezzjoni għall-proġett ta Sirdar House.

Il-Kunsillier Borg Ferrando ġibed l-attenzjoni ħabba s-*shading* tad-defibrilators li twaħħlu fil-lokalita' u talab sabiex is-slielem u l-għamara l-oħra tal-baħar għandhom jiġu *upgraded.* Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ġie nfurmat li l-mera fi Triq ir-Rampa ta San Giljan ser issir filwaqt li ser tintbagħat *reminder* fir-rigward id-daħla perikoluża li tinsab fi Triq Furtu Selvatico.

03.4.07 Il-Kunsillier Victor Vella ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill ma jistax joġġezzjona għal-permessi kollha li jkunu ser isiru fil-lokalita. Iċ-Ċermen informa ukoll lill-Kunsilliera dwar proġett ieħor li ser issir fi Triq San Ġorġ ftit l-isfel mill-Kappella tal-Kunċizzjoni. Is-Sur Vella nforma ukoll lill-Kunsill li l-Avukat li qed jieħu ħsieb l-każ ta' Villa Ignatius, nfurmah li lukanda ma tistax ssir f'żona UCA.

Is-Sur Vella issuġġerixxa li għandha tintbagħat ittra lill-Awtorità tal-Ippjanar u Project Green sabiex jiġi suġġerit li għandhom jingħataw xi pjanti li jitpoġġew ma ċertu faċċati tar-residenti sabiex isebbħu il-lokalita.

03.4.08 Il-Viċi Sindku Sean Gauci nforma lill-Kunsill li għanda ssir laqgħa mal-Pulizija tal-Komunità kif ukoll mas-Supretedent tal-Għassa San Giljan sabiex jitejbu s-servizz f'San Ġiljan u jsiru aktar rondi. Hu nforma lill-Kunsill li l-laqgħa mal-Kumpanija Bulletproof ul-Kunsillier David Caruana ser issir lejn nofs Awwissu.

**03.5 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

03.5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6271 sa 6316 (Ara Appendiċi 'A').

03.5.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**03.6 Skeda tal-Pagamenti**

03.6.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ippropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B').

03.6.02 Il-Viċi-Sindku Sean Gauci ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

03.6.03 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ssekondah fl-approvazzjoni.

**03.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

03.7.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 3 ta' Settembru 2024 fil- 5.00p.m.

03.7.02 Il-laqgħa ntemmet fit- 9.10p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Malcolm Agius**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 3 ta' Settembru 2024**